# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru 19**
**Rikors numru 256/2016**

**Saviour Galea, Joseph Galea,**
**Constantino Galea u Christian Galea**
**f'isimhom u f'isem *Galea Cleaning Solutions JV***

***v.***

**Kunsill Lokali San Ġwann,**
**Alexander Fenech u Mario Borg**

1. Dan huwa appell ta' Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem *Galea Cleaning JV* ["l-Appellanti Galea"] minn deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2016 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi ["L.S. 174.04"], illi laqgħet appell ta' Alexander Fenech u Mario Borg ["Fenech u Borg"] u ħassret il-proċess li kien wassal għal deċiżjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ["il-Kunsill Lokali"] illi kuntratt *"for domestic waste collection door to door"* jingħata lill-Appellanti Galea.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: fit-30 ta' Jannar 2015 saret sejħa mill-Kunsill Lokali għal offerti għall-kuntratt fuq imsemmi. B'ittra tat-18 ta'

Ġunju 2015 il-Kunsill Lokali għarraf lill-Appellanti Galea illi l-kuntratt kien sejjer jingħata lil terzi – is-soċjetà *Waste Collection Ltd* ["*Waste Collection*"].

3. L-Appellanti Galea kif ukoll Fenech u Borg ressqu oġġezzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Qabel ma nstema' l-każ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, iżda, il-Kunsill Lokali b'deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru 2015 ħassar l-għotja tal-kuntratt lil *Waste Collection* għax din ma kinitx żammet il-*bid bond* fis-seħħ għaż-żmien li riedu l-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti, u, minflok, għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellanti Galea. Meta raw hekk, l-Appellanti Galea irtiraw l-oġġezzjoni tagħhom quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Fenech u Borg ma rtirawx formalment l-oġġezzjoni tagħhom iżda l-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda illi ma jqishiex għax "*the merits of this case had been exhausted and do not exist anymore*".

4. Fenech u Borg reġgħu ressqu oġġezzjoni oħra quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, din id-darba kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali li l-kuntratt jingħata lill-Appellanti Galea. Bid-deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2016 li minnha sar dan l-appell, il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda billi laqa' l-oġġezzjoni, ħassar l-għoti tal-kuntratt lill-Appellanti Galea u ordna li s-sejħa għal offerti ssir mill-ġdid.

5. L-Appellanti Galea ressqu appell quddiem din il-qorti mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni b'rikors tas-6 ta' Ġunju 2016 b'kontestazzjoni ma' *Waste Collection* u l-Kunsill Lokali ["Appell 255/2016"] u ressqu wkoll

l-appell tallum, ukoll b'rikors tas-6 ta' Ġunju 2016, din id-darba b'kontestazzjoni ma' Fenech u Borg u l-Kunsill Lokali.

6. L-Appell 255/2016 inqata' b'sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Novembru 2016, li tgħid hekk:

   »Il-qorti … … … tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tas-17 ta' Mejju 2016 u terġa ġġib fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tat-12 ta' Ottubru 2015 li biha ħassar l-għotja tal-kuntratt lil *Waste Collection*, u, minflok, għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellanti Galea.«

7. Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2016 il-partijiet preżenti qablu illi l-meritu tal-appell huwa bħal dak tal-Appell 255/2016 u qablu wkoll mas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2016 fl-atti tal-Appell 255/2016.

8. Il-qorti, wara li rat illi l-aggravji mressqa fl-appell tallum huma bħal dawk imressqa fl-Appell 255/2016 kontra l-istess deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni, tilqa' l-appell tallum għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet Saviour Galea *et v.* Kunsill Lokali San Ġwann *et* fl-atti tal-Appell 255/2016: għalhekk tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tas-17 ta' Mejju 2016 u terġa ġġib fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tat-12 ta' Ottubru 2015 li biha ħassar l-għotja tal-kuntratt lil *Waste Collection*, u, minflok, għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellanti Galea.

9. L-ispejjeż ġudizzjarji jħallsuhom Fenech u Borg.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df